



**RAPPORT TAS-SITWAZZJONI TAL-2017 DWAR
IL-FALSIFIKAZZJONI U L-PIRATERIJA FL-UNJONI
EWROPEA
SOMMARJU EŻEKUTTIV**

Rapport Konġunt tal-EUIPO / EUROPOL



Ġunju 2017

RAPPORT TAS-SITWAZZJONI TAL-2017
DWAR IL-FALSIFIKAZZJONI
U L-PIRATERIJA
FL-UNJONI EWROPEA
SOMMARJU EŻEKUTTIV

Werrej

KELMTEJN TA' QABEL	4
SOMMARJU EŻEKUTTIV	6

KELMTEJN TA' QABEL

Rapport tas-Sitwazzjoni tal-2017 dwar il-Falsifikazzjoni u l-Piraterija fl-Unjoni Ewropea

Dan ir-rapport tas-sitwazzjoni m'ħejji mill-EUIPO u mill-Europol mill-ġdid jixħet daw l-importanza tal-indirizzar tal-kriminali internazzjonali li huma fost il-benefiċjarji ewlenin tal-ksur tal-IPR fl-Unjoni Ewropea.

Hu jibni fuq ir-rapport preċedenti tal-2015, li hu wkoll żviluppat b'mod konġunt, billi jintraċċa l-evoluzzjoni tal-falsifikazzjoni u tal-piraterija, filwaqt li jaġġorna l-konklużjonijiet ewlenin u joffri tagħrif ġdid dwar uħud mit-tendenzi emerġenti.

Il-kriminalità relatata mal-IP li taffettwa lill-Unjoni Ewropea għadha tirrappreżenta raġuni ta' tħassib. L-attività kriminali f'dan il-qasam ma tikkonċernax biss id-dannu potenzjali għas-saħħa u għas-sikurezza taċ-ċittadini tal-UE, iżda anki għall-ambjent. Din taffettwa wkoll ekonomiji leġittimi, billi tikkontribwixxi għal inqas dñul għan-negozji affettwati, għal volum inqas ta' bejgħ u għal telf ta' impjeggi.

Dan l-istudju jikkonferma li l-ksur tal-IPR hu sors importanti ta' introjtu għall-gruppi tal-kriminalità organizzata. Dawn il-gruppi spiss ikunu involuti wkoll fi kriminalità oħra, bħat-traffikar tad-droga, il-frodi tas-sisa, it-traffikar tal-bnedmin jew il-ħasil tal-flus. L-attivitajiet tagħhom qed jiġu ffaċilitati dejjem iktar permezz tal-korruzzjoni u tal-frodi tad-dokumenti.

Is-swieg online, kif enfasizzat f'*SOCTA 2017*, qed isiru dejjem iktar il-kanali ta' distribuzzjoni ewlenin għall-oġġetti foloz, bil-kriminali li jippruvaw jikkupjaw is-suċċessi notevoli tal-mudelli kummerċjali online legali.

Madankollu qed ifeġġu theddidiet oħra, u fost l-isfidi potenzjali, dan ir-rapport jesplora l-użu dejjem ikbar tat-trasport ferrovjarju bejn iċ-Ċina u l-UE, u kif dawk li jiksru l-IPR jistgħu jkunu qed jisfruttaw dan.

Fid-dinja diġitali, id-disseminazzjoni online ta' kontenut protett ġiet identifikata bħala problema partikolari, bix-xandiriet illegali tat-televiżjoni u bil-piraterija diġitali li qed jimponu sfida ulterjuri għall-awtoritajiet ta' infurzar.

Ir-rapport attwali jkompli l-isforzi mwettqa miż-żewġ aġenziji tal-UE li jżviluppaw stampa iktar ċara tal-firxa tal-problema ta' falsifikazzjoni u ta' piraterija, filwaqt li jaħdmu ma' sħab ewlenin.

B'mod partikolari, hu jikkomplimenta l-iżvilupp ta' bażijiet ta' data tal-EUIPO għall-għoti ta' assistenza fl-isforzi tal-awtoritajiet ta' infurzar u l-kollaborazzjoni bejn l-EUIPO u l-Europol fi ħdan il-Koalizzjoni Koordinata stabbilita riċentement dwar il-Kriminalità fil-Proprjetà Intellettuali (IPC3). Dan iċ-ċentru, li twaqqaf biex jiżdied il-ġbir ta' informazzjoni u biex jiġu ssorveljati t-tendenzi fil-qasam tal-kriminalità online tal-IP u l-oqsma relatati, diġà qed jipproduċi riżultati sinifikanti. Il-Europol użah biex jgħin fl-għeluq ta' siti web użati għall-bejgħ ta' merkanzija ffalsifikata, għall-indirizzar tad-dekodifikaturi pirati tat-TV, u għall-għeluq ta' operazzjonijiet illegali li jużaw il-munita diġitali "bitcoin".

Dan ir-rapport jikkonferma li l-falsifikazzjoni u l-piraterija fl-UE għadhom sfida dejjem preżenti, bil-gruppi tal-kriminalità organizzata li spiss ikunu "l-moħħ" wara kollox u jibbenefikaw finanzjarjament.

Hu juri li l-ħtieġa għal kooperazzjoni u edukazzjoni kontinwa u msaħħa fost il-partijiet ikkonċernati u fost l-intermedjarji hi waħda ta' importanza assoluta, biex jiġi żgurat li l-għlieda kontra kriminalità bħal din u l-effetti tagħha ssir dejjem iktar koeżiva u informata aħjar.



Rob WAINWRIGHT
Direttur Eżekuttiv, Europol



António CAMPINOS
Direttur Eżekuttiv, EUIPO

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Rapport tas-Sitwazzjoni tal-2017 dwar il-Falsifikazzjoni u l-Piraterija fl-Unjoni Ewropea

Dan ir-rapport, imfassal fi sħubija bejn il-Europol u l-EUIPO, hu maħsub biex jaġġorna lil dawk li jfasslu l-politiki, lill-prattikanti, lin-negozji u lill-pubbliku ġenerali dwar il-qagħda attwali tal-falsifikazzjoni u tal-piraterija fl-Unjoni Ewropea (UE).

Hu jesplora d-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (IPR) u l-valur tagħhom, is-setturi tal-prodotti ewlenin, b'mod partikolari r-rotot kummerċjali u l-pajjiżi ta' provenjenza għall-prodotti ffalsifikati. Dan jispjega u jeżamina wkoll it-theddida tal-piraterija u ta' ksur online ieħor tal-liġi, u juri kif l-IPR u l-protezzjoni ta' dawn huma l-pedamenti tal-ekonomija u tas-soċjetà tal-UE.

Ir-rapport janalizza kif il-gruppi tal-kriminalità organizzata (OCGs) huma involuti fil-kriminalità relatata mal-IPR u juża numru ta' studji tal-każ biex jixħet dawl fuq il-perikli maħluqa mill-attivitajiet tagħhom. Hu jkompli billi jeżamina wħud mill-isfidi affaċċjati fl-indirizzar tal-kriminalità relatata mal-IPR, u jinkludi rieżami ta' sensiela ta' inizzjattivi li huma fis-seħħ għall-ġlieda kontra dawn ir-reati.

Hemm stabbiliti u investigati diversi prospettivi għall-ġejjieni, inklużi xi theddidiet emerġenti fid-dinja tal-protezzjoni tal-IPR.

Il-valur u l-istabbiltà li l-industriji intensivi fl-IPR jagħtu lis-soċjetà huma riflessi fis-sejbien li t-tali intrapriżi baqgħu partikolarment reżiljenti matul u eżatt wara l-kriżi ekonomika globali, meta ħafna setturi oħra kienu f'diffikultà. Għall-perjodu 2011-2013, l-industriji intensivi fl-IPR ikkontribwew b'86 % tal-importazzjonijiet u b'93 % tal-esportazzjonijiet għall-kummerċ estern tal-UE, u bi 42 % għall-PDG¹.

Reati relatati mal-IPR, li ġew ikkalkolati li jiswew sa USD 461 biljun fis-sena madwar id-dinja², issa jolqtu lil kważi kull tip ta' prodott u kull żona ġeografika. L-impatt ta' din il-kriminalità jwassal għal sensiela ta' effetti mifruxa moħbija fuq iċ-ċittadini, in-negozji u l-gvernijiet, u jillimita l-opportunità li n-negozji leġittimi intensivi fl-IPR jerġgħu jinvestu fir-riċerka, fl-iżvilupp u f'impjegi, xi ħaġa li tikkostitwixxi theddida serja għat-tkabbir futur.

Għal ċerti tipi ta' prodotti, uħud mill-Istati Membri (SM) jissekwestraw sehem inqas ta' prodotti ffalsifikati skont il-valur minn dak li jista' jindika l-porzjon tagħhom ta' importazzjonijiet leġittimi kumplessivi. Dan jissuġġerixxi li l-awtoritajiet li jiġġieldu kontra r-reati relatati mal-IPR fil-fruntieri esterni ta' ċerti reġjuni jistgħu jibbenefikaw minn valutazzjonijiet tar-riskju ta' grupp ta' prodotti partikolari biex jindirizzaw l-importazzjonijiet illegali b'mod iktar effettiv. Il-ħidma tal-awtoritajiet doganali biex iżommu oġġetti li jiksru l-IPR fil-fruntieri esterni għadha importanti ħafna, għalkemm dawn kapaċi biss iwaqqfu sehem relattivament żgħir mill-importazzjonijiet iffalsifikati totali li jaslu fl-UE ta' kull sena.

Iċ-Ċina tibqa' l-pajjiż ewleni ta' provenjenza għall-oġġetti ffalsifikati, u Hong Kong jaġixxi bħala punt ta' tranżitu għal oġġetti oriġinarjament immanifatturati fiċ-Ċina, iżda pajjiżi oħra wkoll għandhom karatteristiċi speċifiċi tan-negozjar. Pereżempju, it-Turkija ġiet konnessa mal-Bulgarija u mal-Belġju permezz tan-negozju f'tikketti, tags u stickers iffalsifikati, li jiffaċilita l-manifattura interna.

Iż-żoni ta' kummerċ liberu (FTZ) għandhom assoċjati ma' numru ta' reati relatati mal-IPR, u għad hemm bżonn ta' standards armonizzati ta' infurzar f'ċerti żoni ġeografiċi.

¹ L-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, *Intellectual property rights intensive industries and economic performance in the European Union*, 2016, p. 6. Disponibbli fuq: https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/observatory/documents/IPContributionStudy/performance_in_the_European_Union/performance_in_the_European_Union_full.pdf.

² OECD/EUIPO (2016), *Trade in counterfeit and pirated goods mapping the economic impact*, 2016, p. 11. Disponibbli fuq: <http://www.oecd.org/gov/risk/trade-in-counterfeit-and-pirated-goods-9789264252653-en.htm>.

Kriminali bbażati fl-UE jibbażaw l-iktar fuq manifatturi bbażati barra l-UE, iżda mbagħad jorganizzaw l-importazzjoni, it-trasport, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-oġġetti ffalsifikati fi ħdan l-UE. Madankollu, dan ir-rapport juri kif uħud huma wkoll manifatturi attivi fi ħdan l-UE. Manifattura ffalsifikata interna bħal din hi ffaċilitata bl-użu ta' tikketti u mballaġġ foloz importati minn barra l-UE u spiss tkun orkestrata minn OCGs; hemm indikazzjonijiet li din il-kriminalità qed tikber.

Oġġetti ffalsifikati qed jiġu distribwiti dejjem iktar permezz ta' swieq online. Prodotti mibjugħin fuq l-internet normalment jiġu distribwiti f'pakketti żgħar permezz ta' servizzi postali u rapidi ta' ġarr tal-merkanzija, spiss direttament għand il-klijenti, u ġie osservat ir-rwol dejjem ikbar tat-teknoloġiji fil-kriminalità relatata mal-IPR.

L-OCGs assoċjati mal-kriminalità relatata mal-IPR spiss ikunu polikriminali, u jkunu involuti f'reati oħrajn ukoll, bħat-traffikar tad-droga, il-frodi tas-sisa, it-traffikar tal-bnedmin u l-ħasil tal-flus. Il-frodi tad-dokumenti u l-korruzzjoni għadhom qed jiffaċilitaw ħafna l-attivitajiet kriminali f'dan il-qasam.

Fid-dinja diġitali, id-disseminazzjoni online ta' kontenut protett ġiet identifikata bħala problema partikolari. Xandiriet illegali tat-televiżjoni huma sfida oħra għall-awtoritajiet ta' infurzar u l-frodi għadu wkoll ferm prevalenti u assoċjat mill-qrib ma' atti ta' piraterija diġitali.

Dan ir-rapport jenfasizza u jispjega kif dawk fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-kriminalità relatata mal-IPR għadhom joperaw taħt numru ta' restrizzjonijiet u jaffaċċjaw sfidi speċifiċi, bħall-ħtieġa li jikkoordinaw investigazzjonijiet transkonfinali u jindirizzaw teknoloġiji ġodda li l-kriminali qed jużaw biex jaħbu l-postijiet u l-attivitajiet tagħhom.

Penali baxxi jrendu l-kriminalità relatata mal-IPR attraenti għall-kriminali u, minħabba l-prospettiva ta' penali estremament baxxi għall-imputati, l-investigat ta' dawn il-każijiet affattu jaf ma tantx jappella wisq għal ċerti awtoritajiet f'xi SM.

It-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità, il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, it-traffikar tad-droga, u oqsma oħra ta' attività kriminali lkoll ħadu rwol ċentrali fl-ambjent globali tal-infurzar tal-liġi u r-reati relatati mal-IPR ingħataw inqas prijorità. Dan l-aġġornament juri kif, minkejja dan, il-kriminalità relatata mal-IPR għadha wieħed mill-iktar oqsma kriminali li jrendu u li din għadha relatata mill-qrib ma' attivitajiet kriminali oħrajn.

Minkejja dan, qed ifeġġu theddidiet ġodda fil-kuntest tal-kriminalità relatata mal-IPR u dan ir-rapport isemmi t-ħassib speċifiku rigward l-użu dejjem ikbar tat-trasport ferrovjarju bħala metodu ta' trasport tal-merkanzija bejn iċ-Ċina u l-UE, u kif dawk li jiksru l-IPR jistgħu jkunu qed jisfruttaw dan b'mod li s'issa għadu mhuwix kwantifikat. Id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ta' negozjar u tat-trasport hi mistennija ġġib magħha opportunitajiet ġodda għall-kriminali.

Fl-aspetti kollha tal-infurzar tal-kriminalità relatata mal-IPR, hemm ħtieġa identifikata u ma taqta' xejn għal kooperazzjoni u għal edukazzjoni msaħħa fost il-partijiet ikkonċernati u l-intermedjarji kollha biex jiġi żgurat li l-ġlieda kontra din il-kriminalità u l-effetti tagħha ssir iktar koeżiva u informata tajjeb.

Finalment, il-kriminalità u l-kriminali assoċjati magħha huma fluwidi fin-natura tagħhom u ħafna mit-theddidiet u mis-sitwazzjonijiet spjegati f'dan ir-rapport qed jiżviluppaw ta' kuljum. Madankollu, il-konklużjoni globali hi li fl-oqsma kollha tal-kriminalità relatata mal-IPR, il-kompjaċenza jew l-aċċettazzjoni fi kwalunkwe livell tkun idea tassew ħażina.



RAPPORT TAS-SITWAZZJONI
TAL-2017
DWAR IL-FALSIFIKAZZJONI
U L-PIRATERIJA
FL-UNJONI EWROPEA